**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 26 – 9 ta' Novembru 2016**

***Minuti tal-26 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 9 ta' Novembru, 2016 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:15 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 26. Il-laqgha bdiet fis-6:15 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **Hadd** | |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgha Nru. 25**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha numru 25 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi .

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Chris Bongailas Clive Azzopardi, Vernalise Scicluna, Kevin Glynn, George Cortis u Philip Said.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet:

Il-Minuti gew approvati (103).

**2. Hwejjeg li johorgu mill-Minuti**

2.1 Dwar il-problema li nholqot bid-dhul tal-iskola, is-Sindku Sarah Agius li waqt laqgha li saret bejn il-partijiet kollha, gie maqbul li tinghalaq Triq Sciortino min-naha ta' fuq, mir-rawndebawt tal-blata sal-Klabb tal-Bocci.

Sadanittant kien hemm kuntatt bejn is-Sindku u l-Onorevoli Godfrey Farrugia, fejn intqal li huwa ghandu pjan u li ser imexxieh mal-Onorevoli Joe Mizzi. Min-naha tieghu qed jenfasizza li tinghalaq parti kbira minn Triq Sciortino u l-bus stop tigi mcaqilqa ghal fejn il-hanut tal-Convenience.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill ghandu jibqa jzomm l-pozzizzjoni tieghu ghax wara kollox hemm alternattivi ohrajn li huma aktar "safe". Huwa gie sekondat mis-Sindku Sarah Agius Kien hemm qbil unanimu. (104)

2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur tad-dawl tal-Milied Lawrence Cassar offra li jarma din xi dekorazzjonijiet zghar b'xejn, possibilment anke s-sena ta' wara, bil-kundizzjoni li s-sentejn li baqa' tat-tender jitkomplew wara, dejjem jekk il-Kunsill ikun fi stat finanzjarju tajjeb.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li ghandhom jigu msejha l-hwienet tal-pjazza sabiex jikkontribwixxu ammont kull wiehed sabiex isir it-tizjin tad-dawl.

2.3 Il-Kunsillier Chris Bongailas wera draft tal-pjanta ta' Gnien l-Infetti li giet mfassla minnu. Sadanittant il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li jsir kuntatt ma' Projects Malta, biex fil-livelli ta' taht il-gnien isir parkegg.

**3. Korrispondenza**

3.1 Is-Sindku Sarah tkelmet dwar korrispondenza mibghuta mill-Matress Collection dwar l-irreklamar. Sar qbil li fil-laqgha li jmiss jigi diksuss dan l-item sabiex ikun ghadda aktar zmien jilhaq jintwera aktar interess minn kumpaniji ohrajn.

3.2 Is-Sindku gabet ghall-attenzjoni rapport li sar mill-Perit David Vassallo dwar allegat sfrundar tat-triq f'Dawret in-Nizla ta' San Pawl. Sabiex jigi diskuss ahjar il-kaz, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-parir tal-Avukat u ssir laqgha mal-Perit David Vassallo, kif ukoll rapprezentant tal-Land Department.

3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li aktar kmieni dik il-gimgha kienet saret spezzjoni minghand CWSEF sabiex tara fejn huma l-haddiema taghha. Dawn hadu t-timesheets kollha maghhom sabiex jaggornaw ir-rekords taghhom. Il-Kunsill qabel unanimament li jiltaqa mal-haddiema kollha sabiex ifakkar x'inhuma d-dmirijiet taghhom.

3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat risposta li nghatat mill-Avukat li deher f'isem il-Kunsill fl-appell li sar minn Melchior Dimech quddiem il-PCRB dwar it-tender tal-iskart goff. Wara li nqrat din ir-risposta, il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jinbeda l-kuntratt mas-Sur Antoine Bartolo.

3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv uriet id-draft tal-pjanti ghall-binja li ser thaddan fiha l-Kunsill Lokali kif ukoll id-Day Centre ghall-Anzjani. Hi qalet li qed isiru xi tibdiliet sabiex jaqdu ahjar il-htigijiet tal-kunsill.

**4. Triq De Rohan**

Is-Sindku pproponiet li dan l-item jigi diskuss f'laqgha ohra. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Sar qbil unanimu.

**5. Attivita tal-Milied**

5.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li l-Kunsilliera George Cortis, Vernalise Scicluna u Clive Azzopardi iltaqghu sabiex issir attivita tal-Milied. Ghaldaqstant gie kkomunikat

li ser isir festin tal-Milied ghat-tfal bejn 10.30am u 12.30pm nhar il-Hadd 18 ta’ Dicembru. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona jinghata ktieb bhala rigal.

**6. Vot-Tal-Flus**

Is-Sindku Sarah Agius resqet il-lista ta’pagamenti ghall-vot. Gie diskuss is-servizz moghti minn WM Environmental. Is-Sindku qalet li qed tingibed l-attenzjoni ta’ dan il-kuntrattur. Wara diskussjoni is-Sindku Sarah Agius pproponiet li WM Environemental jinghata default notice. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Kien hemm qbil unanimu. (105)

Ittiehed vot. Il-Kunsilliera Vernalise Scicluna astjeniet minn punt nru 6. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena minn punt nru 4, filwaqt li l-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Kevin Glynn u Philip Said astjenew minn punti 1 u 8. Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-vot tal-flus (106).

**7. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

7.1 Il-Kunsillier Roderick Aquilina tkellem dwar facebook post tal-Onorevoli Silvio Scembri dwar bus shelters. Hu xtaq ikun jaf ghal liema bus shelters kienet qed issir referenza. Is-Sindku nfurmatu li probabilment kien qed jirreferi ghal dawk li huma l-Belt Valletta.

**8. Aggornament**

Gie deciz li l-laqgha li jmiss issir fid-5 ta’ Dicembru 2016 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |